# MESSAĠĠ TAL-QDUSIJA TIEGĦU FRANĠISKU
# GĦAD-XXIX JUM DINJI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ
# 2014

*"Henjin il-foqra fl-ispirtu, għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet" (Mt 5:3)*

*Għeżież żgħażagħ,*

Għadha mmarkata f'moħħi l-laqgħa straordinarja li għexna flimkien f'Rio de Janeiro, fit-XXVIII Jum Dinji taż-Żgħażagħ: festa kbira ta' fidi u fraternità! In-nies twajba tal-Brażil laqgħetna b'idejha miftuħa beraħ, bħall-istatwa ta' Kristu Salvatur li mill-għoli tal-*Corcovado* tiddomina x-xenarju mill-isbaħ tax-xatt ta' Copacabana. Fuq xatt il-baħar Ġesù ġedded is-sejħa tiegħu lil kull wieħed u waħda minna biex insiru dixxipli missjunarji tiegħu, niskopruh bħala t-teżor l-iktar prezzjuż ta' ħajjitna u naqsmu dan l-għana ma' l-oħrajn, fil-qrib u fil-bogħod, sa l-ibgħad truf ġeografiċi u eżistenzjali ta' żmienna.

Il-pass li jmiss fil-pellegrinaġġ taż-żgħażagħ minn kull kontinent sa jkun Krakovja, fl-2016. Fil-mixja tagħna tul it-tliet snin li ġejjin nixtieq nirrifletti magħkom fuq il-Beatitudnijiet evanġeliċi, li naqraw fil-Vanġelu ta' San Mattew (5:1-12). Din is-sena nibdew nimmeditaw fuq l-ewwel waħda: "Henjin il-foqra fl-ispirtu, għax tagħhom hi s-Saltna tas-Smewwiet" (Mt 5:3); għall-2015 nipproponi: "Henjin dawk li huma safja f'qalbhom, għax huma jaraw 'l Alla" (Mt 5:8); u fl-aħħar nett, fl-2016, it-tema sa tkun: "Henjin dawk li jħennu, għax huma jsibu ħniena" (Mt 5:7).

1. *Il-qawwa rivoluzzjonarja tal-Beatitudnijiet*

Dejjem jagħmlilna tajjeb naqraw u nimmeditaw il-Beatitudnijiet! Ġesù lissinhom fl-ewwel predikazzjoni kbira tiegħu, fuq ix-xatt ta' l-Għadira tal-Galilija. Kien hemm ħafna nies u Hu tela' fuq il-quċċata ta' l-għolja, biex jgħallem lid-dixxipli tiegħu, u għalhekk dik il-priedka baqgħet famuża bħala "id-diskors tal-muntanja". Fil-Bibbja, il-muntanja hi meqjusa bħala l-post fejn Alla juri ruħu, u Ġesù li jippriedka minn fuq muntanja jidher bħala l-imgħallem divin, bħala Mosè l-ġdid. U x'jgħallimna? Jurina t-triq tal-ħajja, dik it-triq li Hu stess jimxi, anzi, li Hu stess *hu*, u jipproponihielna bħala *t-triq tal-veru ferħ*. F'ħajtu kollha, minn twelidu fl-għar ta' Betlehem sal-mewt fuq is-salib u sal-qawmien, Ġesù għex huwa stess il-Beatitudnijiet. FiH twettqu l-wegħdiet kollha tas-Saltna ta' Alla.

Meta jipproklama l-Beatitudnijiet, Ġesù jistedinna nimxu warajh, interrqu miegħU t-triq ta' l-imħabba, l-unika waħda li twassal għall-ħajja ta' dejjem. M'hix triq ħafifa, imma l-Mulej jiżgurana mill-grazzja tiegħu u ma jitlaqna qatt waħidna. Faqar, niket, umiljazzjonijiet, ġlied f'isem il-ġustizzja, l-isforzi iebsin ta' kuljum għall-konverżjoni u biex ngħixu s-sejħa għall-qdusija, persekuzzjonijiet u tant sfidi oħra huma preżenti fil-ħajja tagħna. Imma jekk nifthu l-bieb tagħna għal Ġesù, jekk inħalluH jidħol fl-istorja tagħna, jekk naqsmu miegħU l-ferħ u n-niket tagħna, inħossu paċi u ferħ li jista' jagħti Alla biss, li hu mħabba li ma tintemmx.

Il-Beatitudnijiet ta' Ġesù jġibu magħhom rivoluzzjoni ġdida, mudell ta' ferħ bil-kontra ta' dak li soltu jipprovaw iwasslulna l-*medja* u l-kurrent ta' ħsieb dominanti. Għall-mentalità tad-dinja, li Alla ġie biex sar wieħed minna, li miet fuq salib, dan hu skandlu! Fil-loġika ta' din id-dinja, dawk li Ġesù jlaqqam henjin huma meqjusa

"telliefa", dgħajfin. Minflok, fuq wiċċ l-idejn insibu s-suċċess, hu x'inhu l-prezz tiegħu, il-ġid, l-arroganza tal-poter, l-affermazzjoni tal-jien anki minn fuq dahar l-oħrajn.

Għeżież żgħażagħ, Ġesù qed jisfidana biex inwieġbu għall-proposta ta' ħajja li qed jagħmlilna, biex niddeċiedu liema triq irridu nimxu biex naslu għall-ferħ veru. Din hi l-isfida l-kbira tal-fidi. Ġesù ma beżax jistaqsi lid-dixxipli tiegħu jekk ridux tabilħaqq jimxu warajh jew inkella jaqbdu toroq oħra (ara Ġw 6:67). U Xmun imsejjaħ Pietru kellu l-kuraġġ iwieġbu: "Mulej, għand min tridna mmorru? Int għandek il-kliem tal-ħajja ta' dejjem" (Ġw 6:68). Jekk intom ukoll tagħrfu tgħidu "iva" lil Ġesù, il-ħajja żagħżugħa tagħkom timtela bis-sens, u hekk tagħmel il-frott.

2. *Il-kuraġġ tal-ferħ*

Imma xi tfisser "henjin" (fil-Grieg *makarioi*)? Henjin tfisser ferħanin. Għiduli: Intom tixtiequ tassew li tkunu ferħana? Fi żmien meta nħossuna miġbuda lejn tant xbihat qarrieqa tal-ferħ, qed nirriskjaw li nispiċċaw nikkuntentaw ruħna bil-ftit, b'xi idea "ċkejkna" tal-ħajja. Imma intom għandkom timmiraw lejn ħwejjeġ kbar! Wessgħu qlubkom! Kif kien jgħid il-Beatu Piergiorgio Frassati, "tgħix bla fidi, bla wirt xi tħares, bla ma tissielet kontinwament għall-verità, dak mhux tgħix tkun, imma ġġaħġaħha. Imma aħna mhux inġaħġħuha rridu, imma ngħixu" (Ittra lil I. Bonini, 27 ta' Frar 1925). F'jum il-Beatifikazzjoni ta' Piergiorgio Frassati, fl-20 ta' Mejju 1990, Ġwanni Pawlu II sejjaħlu "bniedem tal-Beatitudnijiet" (*Omelija fil-Quddiesa*: *AAS* 82 [1990], 1518).

Jekk tabilħaqq lesti tiskopru x-xewqat l-iżjed profondi ta' qlubkom, tintebħu li fikom hemm xewqa għall-hena li ħadd ma jista' jitfi, u hawn tkunu tistgħu tikxfu l-qerq ta' tant offerti "bi prezz baxx" li ssibu madwarkom u tirrifjutawhom. Meta nfittxu s-suċċess, il-pjaċir, il-ġid b'mod egoistiku, u nagħmlu minnhom idoli tagħna, jista' jkun li għal xi ftit tal-ħin inħossuna m'ogħla s-sema, sens falz ta' gratifikazzjoni; imma fl-aħħar nispiċċaw ilsiera, ma nkunu qatt sodisfatti, u dejjem irridu xi ħaġa aktar. Xi dwejjaq meta tara żgħożija li "ma jonqosha xejn", imma hi dgħajfa.

San Ġwann jikteb liż-żgħażagħ u jgħidilhom: "Intom qawwija u l-kelma ta' Alla qiegħda tgħammar fikom u intom għelibtu l-Ħażin" (1 Ġw 2:14). Iż-żgħażagħ li jagħżlu lil Kristu huma qawwija, isostnu ruħhom bil-Kelma tiegħu u ma "jiffangawx" bi ħwejjeġ oħra! Ħa jkollkom il-kuraġġ li tmorru kontra l-kurrent. Ħa jkollkom il-kuraġġ tal-ferħ veru! Għidu le lill-kultura tal-proviżorju, tas-superfiċjalità u ta' l-iskart, li ma tqiskomx kapaċi terfgħu responsabbiltajiet u taffrontaw l-isfidi kbar tal-ħajja!

3. *Henjin il-foqra fl-ispirtu…*

L-ewwel Beatitudni, tema tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ li jmiss, issejjaħ henjin lill-*foqra fl-ispirtu*, għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet. Fi żmien meta tant persuni qed ibatu minħabba fil-kriżi ekomonika, tpoġġi flimkien faqar u hena jista' jidher barra minn postu. F'liema sens nistgħu naraw il-faqar bħala barka?

Qabel xejn, ejja nfittxu li nifhmu xi tfisser *"foqra fl-ispirtu"*. Meta l-Iben ta' Alla sar bniedem, hu għażel it-triq tal-faqar, li jitneżża' minn kollox. Kif jgħid San Pawl fl-Ittra lill-Filippin: "Aħsbu bħalma kien jaħseb Kristu Ġesù: hu li għad li kellu n-natura ta' Alla, ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla, iżda xejjen lilu nnifsu billi ħa n-

natura ta' lsir; sar jixbah lill-bnedmin" (2:5-7). Ġesù hu Alla li jinża' l-glorja tiegħu. Hawn naraw liema kienet l-għażla tal-faqar li għamel Alla: hu li kien għani, ftaqar biex bil-faqar tiegħu nistagħnew aħna (ara 2 Kor 8:9). Dan hu l-misteru li nikkontemplaw fil-presepju, fejn nilmħu lill-Iben ta' Alla f'maxtura; u mbagħad fuq is-salib, fejn it-tneżżigħ tiegħu jilħaq il-quċċata.

L-aġġettiv Grieg *ptochós* (fqir) m'għandux tifsira materjali biss, imma jrid ifisser "tallâb". Għandna norbtuh mal-kunċett Lhudi ta' *anawim,* il-"foqra ta' Jaħweh", li jevoka umiltà, għarfien tal-limitazzjoniet personali, tal-kundizzjoni eżistenzajali ta' faqar li l-bniedem jinsab fiha. L-*anawim* jafdaw fil-Mulej, jafu li jiddipendu minnU.

Ġesù, kif għarfet tant tajjeb Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, fl-Inkarnazzjoni tiegħu jidher bħala tallâb, wieħed fil-bżonn li qed ifittex l-imħabba. Il-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* jitkellem dwar il-bniedem bħala "tallâb quddiem Alla" (nru 2559) u jgħidilna li t-talb hu l-laqgħa ta' l-għatx ta' Alla ma' tagħna (nru 2560).

San Franġisk ta' Assisi fehem tant tajjeb is-sigriet tal-Beatitudni tal-foqra fl-ispirtu. Fil-fatt, meta Ġesù kellmu fil-persuna ta' l-imġiddem u mill-Kurċifiss, hu għaraf il-kobor ta' Alla u l-kundizzjoni ċkejkna tiegħu nnifsu. Il-Fqajjar ta' Assisi fit-talb tiegħu kien jgħaddi sigħat sħaħ jistaqsi lill-Mulej: "Int min int? U jien min jien?". Tneżża' minn ħajja fil-kumdità u moħħ ir-riħ biex seta' jitgħarras mas-"Sinjura Tiegħi l-Faqar", biex isir jixbah lil Ġesù u jimxi ittra ittra mal-Vanġelu. Franġisku għex b'mod inseparabbli x-*xebh ma' Kristu fqir* u l-*imħabba lejn il-foqra,* donnhom kienu ż-żewġt uċuħ ta' l-istess munita.

Allura intom tistgħu tistaqsuni: Kif nistgħu nagħmlu konkretement biex dan il-*faqar fl-ispirtu* jinbidel fi stil ta' ħajja, u jħalli effett reali fuq il-ħajja tagħna? Inweġibkom bi tliet punti.

Qabel xejn, fittxu li tkunu *ħielsa fil-konfront tal-ħwejjeġ tad-dinja*. Il-Mulej isejħilna għal stil ta' ħajja evanġelika mmarkat mis-sempliċità, ma jridniex nemmnu f'kultura tal-konsum. Dan ifisser li nfittxu dak li hu essenzjali, nitgħallmu nitneżżgħu minn tant ħwejjeġ żejda u li m'għandniex bżonnhom, li qed jifgawna. Niddistakkaw ruħna mill-kilba għall-ġid, mill-idolatrija tal-flus u l-ħela. Inqiegħdu lil Ġesù fl-ewwel post. Hu jista' jeħlisna mill-allat foloz li jagħmluna lsiera tagħhom. Għeżież żgħażagħ, afdaw f'Alla! Hu jafna, iħobbna u qatt ma jista' jinsiena. Kif jipprovdi lill-ġilji ta' l-għelieqi (ara Mt 6:28), m'hux sa jħalli li tonqonsa xi ħaġa! Anki biex nirbħu l-kriżi ekonomika hemm bżonn inkunu lesti li nibdlu l-istil tal-ħajja, li nevitaw tant ħela. Kif hemm bżonn tal-kuraġġ tal-ferħ, hemm bżonn ukoll il-kuraġġ tar-rażan.

It-tieni ħaġa, biex ngħixu din il-Beatitudni, kollha kemm aħna għandna bżonn ta' *konverżjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-foqra*. Jeħtieġ nieħdu ħsiebhom, inkunu sensibbli għall-bżonnijiet spiritwali u materjali tagħhom. Lilkom iż-żgħażagħ nixtieq nafdalkom b'mod partikulari l-missjoni li terġgħu tpoġġu s-solidarjetà fiċ-ċentru tal-kultura umana. Quddiem għamliet qodma u ġodda ta' faqar – il-qgħad, l-emigrazzjoni, tant dipendenzi ta' tipi varji –, hu d-dmir tagħna li nkunu dejjem attenti u konxji, u nirbħu t-tentazzjoni ta' l-indifferenza. Naħsbu wkoll f'dawk li ma jħossuhomx maħbuba, m'għandhomx tama għall-futur, jibqgħu ma jimpenjawx ruħhom fil-ħajja għax iħossuhom qalbhom maqtugħa, delużi, imbeżżgħa. Irridu nitgħallmu noqogħdu mal-foqra. Ma nimlewx ħalqna b'ħafna kliem sabiħ fuq il-

foqra! Niltaqgħu magħhom, inħarsu f'għajnejhom, nisimgħuhom. Il-foqra huma għalina okkażjoni konkreta biex niltaqgħu ma' Kristu nnifsu, biex immissu l-ġisem tiegħu li qed ibati.

Imma – u dan hu t-tielet punt – il-foqra m'humiex biss persuni li nistgħu nagħtuhom xi ħaġa. Huma wkoll *għandhom ħafna x'joffrulna, x'jgħallmuna*. Għandna ħafna x'nitgħallmu mill-għerf tal-foqra! Aħsbu f'qaddis tas-seklu XVIII, Benedittu Ġużeppi Labrè, li kien jorqod fit-toroq ta' Ruma u jgħix fuq l-offerti tan-nies, u li kien sar id-direttur spiritwali ta' ħafna persuni, fosthom anki nobbli u prelati. F'ċertu sens il-foqra huma bħal għalliema għalina. Jgħallmuna li persuna ma tiswiex skond kemm għandha ġid, skond kemm għandha fil-kont tal-bank. Persuna fqira, nieqsa mill-ġid materjali, dejjem għandha d-dinjità tagħha. Il-foqra jistgħu jgħallmuna ħafna wkoll fuq l-umilità u l-fiduċja f'Alla. Fil-parabbola tal-Fariżew u tal-Pubblikan (Lq 18:9-14), Ġesù jippreżenta lil dan ta' l-aħħar bħala mudell għax hu umli u jagħraf li hu midneb. Anki l-armla li titfa' żewġ muniti żgħar fit-teżor tat-Tempju hi eżempju tal-ġenerożità ta' min, anki jekk għandu ftit jew xejn, jagħti kollox (Lq 21:1-4).

4. *...għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet*

Tema ċentrali fil-Vanġelu ta' Ġesù hi s-Saltna ta' Alla. Ġesù nnifsu hu s-Saltna ta' Alla, hu l-Għimmanu-El, Alla-magħna. U hu fil-qalb tal-bniedem li tinsab is-Saltna, li titwaqqaf u tikber is-setgħa regali ta' Alla. Is-Saltna hi don u wegħda fl-istess ħin. Diġà ngħatatilna f'Ġesù, imma għad trid titwettaq fil-milja tagħha. Għalhekk ta' kuljum nitolbu lill-Missier: "Tiġi saltnatek".

Hemm rabta qawwija bejn faqar u evanġelizzazzjoni, bejn it-tema tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ li għadda – "Morru u agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha" (Mt 28:19) – u dik ta' din is-sena: "Henjin il-foqra fl-ispirtu, għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet" (Mt 5:3). Il-Mulej irid Knisja fqira li tevanġelizza lill-foqra. Meta bagħat lit-Tnax fuq il-missjoni tagħhom, Ġesù qalilhom: "Tfittxux li jkollkom flus fuqkom, la tad-deheb, la tal-fidda u lanqas tar-ram; u la ħorġa għat-triq, la żewġ ilbiesi, la qrieq u lanqas ħatar, għax il-ħaddiem ħaqqu ħobżu" (Mt 10:9-10). Il-faqar evanġeliku hu kundizzjoni fundamentali biex is-Saltna ta' Alla tista' tixtered. L-isbaħ u l-aktar ferħ spontanju li rajt f'ħajti kien dak ta' persuni foqra li ftit għandhom fuq xiex iżommu weqfin. L-evanġelizzazzjoni, fi żmienna, hi possibbli biss jekk issir f'ferħ li jittieħed.

Kif rajna, il-Beatitudni tal-foqra fl-ispirtu torjenta r-relazzjoni tagħna ma' Alla, mal-ġid materjali u mal-foqra. Quddiem l-eżempju u l-kliem ta' Ġesù, nintebħu kemm aħna fil-bżonn ta' konverżjoni, li nsibu mod kif fuq il-loġika *li nakkwistaw iżjed* tirbaħ dik *li nkunu xi ħaġa iżjed*! Il-qaddisin huma dawk li l-aktar jistgħu jgħinuna nifhmu t-tifsira profonda tal-Beatitudnijiet. F'dan is-sens, il-kanonizzazzjoni ta' Ġwanni Pawlu II fit-tieni Ħadd ta' l-Għid hi ġrajja li timla lil qalbna bil-ferħ. Hu sa jkun il-Patrun kbir tal-Jiem Dinjija taż-Żgħażagħ, hu li kien dak li bdiehom u xprunahom tant. U fix-xirka tal-qaddisin jissokta jkun għalikom ilkoll missier u ħabib.

F'April li ġej jaħbat ukoll it-tletin anniversarju minn meta s-Salib tal-Ġublew tal-Fidwa ġie mgħoddi liż-żgħażagħ. Minn dak l-att simboliku ta' Ġwanni Pawlu II telaq il-pellegrinaġġ kbir ta' żgħażagħ li jissokta jterraq fil-ħames kontinenti. Ħafna jiftakruh il-kliem li bih il-Papa, f'Ħadd il-Għid ta' l-1984, akkumpanja dan il-ġest: "Għeżież żgħażagħ, fi tmiem is-Sena Mqaddsa, nafda f'idejkom l-istess sinjal ta' din

is-Sena tal-Ġublew: is-Salib ta' Kristu! Ħuduh magħkom fid-dinja, bħala sinjal ta' l-imħabba tal-Mulej Ġesù għall-bnedmin, u xandru lil kulħadd li fi Kristu biss, li qam u rxoxta, hemm salvazzjoni u fidwa".

Għeżież żgħażagħ, il-*Magnificat*, il-kantiku ta' Marija, fqira fl-ispirtu, hu anki l-għanja ta' min jgħix il-Beatitudnijiet. Il-ferħ tal-Vanġelu jnixxi minn ġewwa qalb fqajra, li taf tifraħ u tistagħġeb quddiem l-għemejjel kbar ta' Alla, bħall-qalb tal-Verġni, li kull nisel isejħilha "hienja" (ara Lq 1:48). Hi, omm il-fqajrin kollha u kewkba ta' l-evanġelizzazzjoni ġdida, tgħinna ngħixu l-Vanġelu, inlaħħmu l-Beatitudnijiet fil-ħajja tagħna, u jkollna l-kuraġġ li nifirħu.

*Mill-Vatikan, 21 ta' Jannar 2014, tifkira ta' Sant'Anjeże, verġni u martri.*

**FRANĠISKU**

*miġjuba mit-Taljan għall-Malti minn Francesco Pio Attard*